**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Renald Magro**

**Illum 22 ta' Novembru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Renald Magro ta' sitta u tletin (36) sena bin Raymond u Rita neè Galea, imwieled Pietà fil-15 ta' Ottubru 1979 u residenti Block C Fl5, Triq il-Pitiross, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 523879(M), talli fil-21 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta' 1.30p.m. u hinijiet wara fi Triq il-Pitiross, Fgura, u/jew f'dawn il-gzejjer:

(1) Minghajr il-hsieb li joqtol u/jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna lil huh Steve Magro mill-Fgura ferita ta' natura gravi maghmula b'arma bil-ponta u/jew oggett iehor li jniggez, skond ma ccertifika t-Tabib Dr. Renè Camilleri 3025;
(2) Fl-istess cirkostanzi hebb ghal Steve Magro mill-Fgura sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;
(3) Fl-istess cirkostanzi ghamel lil Steve Magro mill-Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;
(4) Fl-istess cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku; u
(5) Fl-istess cirkostanzi garr u zamm sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Steve Magro u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-21 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta' 1.30p.m. u hinijiet wara fi Triq il-Pitiross, Fgura, u/jew f'dawn il-gzejjer: (1) Minghajr il-hsieb li joqtol u/jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna lil huh Steve Magro mill-Fgura ferita ta' natura gravi maghmula b'arma bil-ponta u/jew oggett iehor li jniggez, skond ma ccertifika t-Tabib Dr. Renè Camilleri 3025; (2) Fl-istess cirkostanzi hebb ghal Steve Magro mill-Fgura sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara; (3) Fl-istess cirkostanzi ghamel lil Steve Magro mill-Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali; (4) Fl-istess cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku; u (5) Fl-istess cirkostanzi garr u zamm sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Steve Magro billi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ikkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a) u (c), 217, 338 (dd) u 339 (d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, hemm lok li tinghata sentenza sospiza a

tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) prigunerija ghal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre, ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-imputat li izzomm il-kwiet ma' u ma jhedditx lil Steve Magro u li jzomm l-ordni pubbliku ma' kulhadd ghal perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**